**5 ta' Ottubru, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri LL.D.**

Carmelo *sive* Charles Magri

*versus*

Il-Kummissarju tal-Pulizija *et*

**Impjieg mal-Gvern - Artikolu 469 (a) (6) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili - Natura ta' l-Impjieg mal-Gvern - Preskrizzjoni - Kap. 164 - Ordinanza dwar il-Pulizija ta' Malta**

*L-attur gà membru tal-Korp tal-Pulizija, ippremetta illi filwaqt illi kien instab ħati minn Qorti Kriminali u kkundannat għal piena karċerarja iżda sussegwentement illiberat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali aġixxa għal danni konsistenti fit-telf ta' paga għal żewġ perijodi li kien il-ħabs.*

*Waqt li Qorti ta' l-Appell taqbel li dan il-provvediment espressament jeskludi lis-servizz mal-Gvern mill-kontroll ta' kull liġi oħra li tirregola l-kuntratt ta' servizz jew ta' impjieg, u b'mod speċifiku teskludi għalih l-applikazzjoni tal-Kodiċi Ċivili ( "u ta' kull disposizzjoni ta' din il-liġi", ovvjament tirreferi għal dak il-Kodiċi), dak l-istess provvediment jassoġġetta s-servizz mal-Gvern għal provvedimenti ta' disposizzjonijiet speċjali li jirregolaw dan ir-rapport speċjali fir-rigward ta' l-ingaġġ, kondotta u terminazzjoni ta' dak l-impjieg. Dawn id-disposizzjonijiet speċjali jorbtu ukoll allura lill-amministrazzjoni li hi obbligata fir-*

*relazzjonijiet taghha ma' l-impjegati li tosserva dawk il-provvedimenti ntizi biex jittutelaw proprju dawk il-jeddijiet tal-haddiema tal-Gvern kontra min ihaddimhom. Il-liġi allura ma tistriehx biss fuq il-prinċipju ġenerali ta' dritt pubbliku li l-istat, bhala* good employer, *jekk mhux l-aqwa wiehed, hu mistenni li jittratta sewwa u ġustament lill-impjegati tieghu, imma ukoll torbtu li jagixxi b'ċertu mod iddeterminat u b'ċerta proċedura stabbilita f'sitwazzjonijiet partikolari skond kif ipprovdut b'disposizzjonijiet speċjali speċifikatament applikabbli. Dan ċertament japplika b'mod partikolari fir-rigward ta' proċeduri dixxiplinari fosthom fil-kaz fejn l-impjegat jonqos li jirrapporta ghax-xoghol bla awtorizzazzjoni.*

*Il-punt li trid taghmel il-Qorti hu li, kif inghad, l-artikolu 469 (a) (6) tal-Kap. 12 mhux neċessarjament ipoġġi lill-impjegat ċivili f'qaghda ta' zvantaġġ* vis a vis *impjegati ohra li l-kuntratt ta' impjieg taghhom hu rregolat bil-liġijiet ordinarji. Taht ċerti aspetti dan is-subinċiz ipoġġi lill-impjegat fis-servizz mal-Gvern f'posizzjoni privileġġata ghaliex jekk hu veru li dawn il-liġijiet ma jolqtux u ma jirregolawx l-impjieg fis-settur pubbliku, hu daqstant veru ukoll li l-istat ma jistax jinvoka dawk l-istess liġijiet fejn jaghtu anqas protezzjoni lill-haddiem kontra min ihaddimhom minn dawk il-provvedimenti speċjali li jirregolaw l-impjieg fis-settur pubbliku, u li allura kienu jorbtu lill-amministrazzjoni ppubblika. Hekk per ezempju, filwaqt li taht il-liġi ordinarja hu permess ghal min ihaddem li jittermina unilateralment l-impjieg ta' haddiem jekk tirrizulta raġuni ġusta u suffiċjenti u jkunu jokkorru ċirkostanzi li fihom il-liġi tippermetti t-terminazzjoni ta' l-impjieg, u dana bla kumpens, it-tkeċija ta' mpjegat ċivili hi rregolata minn proċedura stretta li l-amministrazzjoni pubblika jehtiġilha ssegwi quddiem il-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku mwaqqfa bil-Kostituzzjoni li tassigura lill-impjegat, mhux biss mezz ta' difiza xieraq imma ukoll id-dritt li jibqa' jirċievi nofs is-salarju li ghalih ikun intitolat jekk ikun ġie interdett u pendenti l-proċeduri ta' dixxiplina kontrih. Dritt li l-istat obbligat li jonora u li l-impjegat fis-settur privat, ovvjament, m'ghandux. Ezempju dan li hu rilevanti ghall-kaz taht ezami.*

*Dan qed jinghad biex jigi llustrat li t-teorija tad-Dritt Amministrattiv Ingliż tan-*non legal nature of the civil service *illum giet konsiderevolment mxellfa u m'ghadhiex dak il-prinċipju assolut li qabel kienet. M'ghadux daqstant aċċettat illi l-impjieg ma' l-amministrazzjoni pubblika kien kważi prekarju ghax is-sovran kellu l-jedd assolut* to hire and fire *u li allura l-impjegati kollha kienu meqjusa li qeghdin fl-impjieg* at Her Majesty's Service and pleasure, *anke jekk* Her Majesty *kienet ukoll fit-teorija kkunsidrata bhala l-kwintessenza tal-gustizzja, oggettività u ragonevolezza, anke fir-rigward ta' dawk is-sudditi taghha li kienu mpjegati taghha u jservuha. F'dan ir-rigward il-Kostituzzjoni nfisha gustament u sewwa kkreat il-makkinarju biex jigu rregolati r-relazzjonijiet bejn l-Esekuttiv u s-servizz pubbliku fil-Kapitolu X taghha, b'mod partikolari fit-twaqqif tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Dan il-Kapitolu, filwaqt li jirrikonoxxi n-natura speċjali ta' l-impjieg fis-servizz ċivili, u jipprovdi l-makkinarju biex l-amministrazzjoni pubblika tibqa' tiffunzjona bl-inqas tfixkil possibbli, jiehu hsieb biex b'mod konkret jipprotegi lill-impjegat pubbliku kontra l-arbitrarjetà, l-abbuż ta' poter u diskriminazzjoni u jissalvagwardja wkoll direttament, u indirettament, id-dritt tieghu ghal remunerazzjoni ghas-servizz li jaghti, kif ukoll ghall-pensjoni. Dan il-bilanċ li l-Kostituzzjoni tohloq, u fil-verità hu rifless fis-subinċiż 6 ta' l-artikolu 469 (a) tal-Kap. 12, ma jistax ma jkunx finalment protettiv tad-drittijiet ta' l-impjegat ċivili in kwantu jobbliga lill-Istat li jsegwi proċeduri determinati bl-istess Kostituzzjoni u b'disposizzjonijiet speċjali kemm f'ligijiet, kif ukoll f'regolamenti* ad hoc *li jirregolaw l-impjieg mieghu.*

*F'dan ir-rigward hu nteressanti li jidher li l-istess żvilupp gurisprudenzjali qed jevolvi fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja dwar l-applikabbilità ta' l-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja u dwar jekk setax jinghad li materji li jirrigwardaw dan l-impjieg pubbliku kienu jinvolvu d-detreminazzjoni ta'* civil rights and obligations.

*Il-Qorti ta' l-Appell sabet illi a tenur ta' l-Ordinanza tal-Pulizija ta' Malta, il-konvenuti ma kinux gustifikati li jżommu l-hlas tas-*

*salarju.*

*Kwantu għall-preskrizzjoni, il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat ukoll is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti illi minħabba n-natura kontrattwali tar-rapport, dik applikabbli kienet kwinkwennali u għalhekk ikkonfermat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti li ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tas-sentejn.*

Il-Qorti:-

L-attur, ġà membru tal-Korp tal-Pulizija, qed jaġixxi kontra l-konvenuti għall-ħlas ta' ammont ta' danni rappreżentanti paga li hu jippretendi li ġiet lilu ngustament u ndebitament miżmuma fi żmien meta kien ġie allegat li kien involut f'*hold up*, misjub ħati mill-Qorti u sussegwentement, b'sentenza tal-Qorti ta' l-Qppell Kriminali, meħlus minn kull addebitu u ħtija. Hu *aġixxa b'dan l-att taċ-ċitazzjoni:*

"L-attur, wara li ppremetta li hu meta kien pulizija ġie arrestat u miżmum detenut fil-ħabs fuq akkuża kriminali nfamanti u dan mis-7 ta' Diċembru, 1980 sal-11 ta' Marzu, 1981, meta ġie mogħti l-libertà provvisorja, illi wara li għadda ġuri kriminali huwa ġie misjub ħati fit-3 ta' Frar, 1984 u reġa' ġie mibgħut il-ħabs għall-ħdax-il sena; illi l-Qorti ta' l-Appell Kriminalli, fil-5 ta' Ġunju, 1987, wara appell ta' l-attur, irrevokat is-sentenza li sabitu ħati, ħassret id-dikjarazzjoni ta' ħtija u ordnat li fil-konfront ta' l-attur jiġu rreġistrati sentenza u verdett ta' liberazzjoni; illi l-attur ġie għalhekk illiberat mill-ħabs fil-11 ta' Ġunju, 1987; illi waqt il-pendenza tal-proċeduri kriminali, kienu nbdew proċeduri dixxiplinari kontra tiegħu mill-*Public Service Commission*; waqt dawn il-proċeduri huwa ġie nterdett u ma tħallasx lilu s-salarju dovut meta huwa kien il-ħabs; illi wara li hu ġie lliberat, il-*Public Service Commission*, *neħħiet l-interdizzjoni* u ddeċidiet li huwa jingħata lura dak l-ammont ta' salarju li kien inżammlu konsegwentemet; illi

nonostante dan kollu l-ebda salarju jew kumpens għan-nuqqas ta' salarju trattenut indebitament ma ngħata lill-attur għaż-żewġ perijodi li hu għamel detenut u karċerat *inġustament*; u dana anke bi ksur tal-kuntratt tax-xogħol tiegħu; u billi hu ntitolat għall-ħlas ta' l-ekwivalenti tas-salarju in linea ta' kumpens għat-tratteniment indebitu tas-salarju fuq imsemmi meta huwa kien inġustament il-ħabs, u dan in linea ta' danni; talab li din il-Qorti:

Tillikwida l-*kumpens* dovut lilu; u

Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom iħallas lill-attur il-kumpens hekk likwidat in linea ta' danni";

Il-konvenuti hekk eċċepew:

"Illi t-talba għall-ħlas hija preskritta, *kwantu hija azzjoni* għall-ħlas tal-paga a bażi ta' l-artikolu 2148 (d) Kap. 16, u *kwantu għall-ħlas ta' danni bl-artikolu 2153, Kap. 16;*

Bla preġudizzju għas-suespost illi l-attur ma jistax jitħallas għall-perijodu meta huwa kien fl-impossibilità li jadempixxi l-obbligi ta' l-impjieg tiegħu minħabba arrest preventiv ikkonfermat minn Qorti u minħabba sentenza ta' Qorti, rispettivament";

Fil-kors tat-trattazzjoni l-konvenuti eċċepew ulterjorment:

"Illi kwantu bbażata fuq il-premess li jeżisti "kuntratt ta' xogħol" bejn l-attur u l-esponent l-azzjoni hija nsostenibbli kemm fit-termini ta' l-artikolu 742 (5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili kif ukoll fit-termini tat-teorija dwar l-istatus legali tas-servizz pubbliku (*the non-legal*

*nature of the civil service*) li hija teorija li ntirtet mid-Dritt Amministrattiv Ingliż u li fuqha huwa bbażat *l-imsemmi* artikolu 742 (5);

Dan peress li anke skond l-artikolu 742 (5) l-impjieg mal-Gvern jikkostitwixxi rapport speċjali rregolat minn liġijiet speċifikatament applikabbli għalih u mill-kondizzjonijiet stabbiliti minn żmien għal żmien mill-Gvenr u għalhekk ma jinkwadrax ruħu fin-nozzjoni ta' kuntratt skond il-Kodiċi Ċivili";

B'sentenza tas-7 ta' Marzu, 1994, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, wara li elenkat il-fatti tal-każ li dwarhom jidher li hemm qbil bejn il-kontendenti;

"L-attur, li kien pulizija, ġie arrestat u miżmum detenut il-ħabs fuq akkuża kriminali u dan *mis-7 ta' Diċembru, 1980, sal*-11 ta' Marzu, 1981, meta ġie mogħti l-libertà provvisorja;

Wara li għadda ġuri kriminali, l-attur ġie misjub ħati fit-3 ta' Frar, 1984, u reġa' ġie mibgħut il-ħabs għal ħdax-il sena;

Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, fil-5 ta' Ġunju, 1987, wara appell ta' l-attur, irrevokat is-sentenza li sabitu ħati, ħassret id-dikjarazzjoni ta' ħtija u ordnat li fil-konfront ta' l-attur jiġu rreġistrati sentenza u verdett ta' liberazzjoni;

L-attur ġie skarċerat mill-ħabs fil-5 ta' Ġunju, 1987;

*Waqt il-pendenza tal-proċeduri kriminali, kienu nbdew* proċeduri dixxiplinari kontra l-esponent mill-*Public Service Commission*;

Waqt il-proċeduri dixxiplinari huwa ġie nterdett wara l-ewwel karċerazzjoni u ma tħallasx is-salarju għaż-żewġ perijodi karċerarji;

Wara li l-attur ġie lliberat, il-*Public Service Commission*, neħħiet l-interdizzjoni u ddeċidiet li huwa jingħata lura dak l-ammont ta' salarju li kien inżammlu konsegwentement. Nonostante dan kollu, l-ebda salarju jew kumpens għan-nuqqas ta' salarju trattenut ma ngħata *lill*-attur għaż-żewġ perijodu li hu għamel detenut";

Il-Prim'Awla hekk immotivat l-ewwel sentenza tagħha dwar il-preskrizzjoni:

"L-attur invece qed isostni li la darba hu kien interdett a terminu ta' l-artikolu 4 ta' l-A.L. 5 ta' l-1977, Regolamenti tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (Proċedura ta' Dixxiplina) u fil-perijodu in kwistjoni ma ħadimx, it-talba mhix għall-ħlas ta' paga, billi paga neċessarjament tirrifletti servizz mogħti, *iżda t-talba hija għal* kumpens għal dak it-telf soffert inġustament waqt il-perijodu ta' interdizzjoni u liema telf, għall-fini ta' dawn il-proċeduri, qed jiġi ekwiparat għal paga li ma ġietx imħallsa lilu. għalhekk issottometta l-attur, dak li jipprovdi l-artikolu 2148 subinċiż (d) ma japplikax għall-każ;

Fir-rigward tal-preskrizzjoni ta' sentejn applikabbli għall-azzjoni għall-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat, ġie sottomess *li* l-azzjoni mhux ibbażata fuq kulpa akwiljana iżda minn inadempjenza kuntrattwali u konsegwentement, għandha tapplika l-preskrizzjoni ta' ħames snin skond l-artikolu 2156 tal-Kap. 16;

L-interdizzjoni, skond ir-regolamenti tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, timporta għal persuna milquta, li ma

jkunx jista' jeżerċita s-setgħat u l-funzjonijiet tal-kariga tiegħu *tul il-perijodu ta' l-istess interdizzjoni. Iżda din ma tammontax* għal tkeċċija mis-servizz pubbliku u deċiżjoni dwar l-impjieg tal-persuna nteressata tittieħed biss wara li jiġu tterminati l-proċeduri għat-tkeċċija tiegħu jew wara li jintemmu l-proċeduri kriminali kontrih;

Matul dan il-perijodu, il-parti nteressata suppost li, skond is-subinċiż (2) ta' l-artikolu 4 ta' l-istess Regolamenti, tirċievi dak is-salarju, li ma jkunx inqas minn nofs is-salarju tiegħu, lil-Prim Ministru jidhirlu xieraq. F'dan il-każ jidher li l-attur ma ngħata xejn;

L-artikolu 2148 tal-Kap. 16 jippreskrivi li l-azzjonijiet ta' dawk imħallsin bis-sena, għall-ħlas tas-salarju tagħhom, taqa' bi preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar. Skond l-artikolu 2 ta' l-Att XI ta' l-*1952, l-Att li jirregola l-kondizzjonijiet ta' l-impjieg*, "paga" tfisser rimunerazzjoni jew qligħ, li jitħallsu bil-flus minn prinċipal lill-impjegat. Rimunerazzjoni *teħtieġ korrispettiv*, u ċjoè servizz li jingħata u li jiġi kkumpensat b'dak l-ammont, fi flus, li jiġi miftiehem. L-artikolu 1623 tal-Kap. 16 jgħid espressament li "il-kiri ta' xogħol u ta' industrija hu kuntratt li bih waħda mill-partijiet tintrabat li tagħmel xi ħaġa għall-parti l-oħra bi ħlas li din tintrabat li tagħtiha". Il-Qorti Ingliżi fil-*Kawża in* re ***Smith, Philips vs Smith***, *1915, W.N. 12* (per Eve. J) esprimiet ruħha hekk: "*The words "salary or wages" are used as to express the whole of the remuneration payable for the services rendered or the work done*";

Fil-każ sotto eżami jirriżulta bla ebda dubbju li l-attur, minħabba l-interdizzjoni li kienet ingħatat lilu, matul il-perijodu ta' l-istess interdizzjoni, ma eżerċitax is-setgħat u l-funzjonijiet tiegħu. Għalhekk ma rrenda ebda servizz għal-liema jista' jitlob leġittimament ħlas jew kumpens. Isegwi li dak li jipprovdi l-

artikolu 2148 ma japplikax għall-każ;

Ikkunsidrat dwar il-preskrizzjoni ta' sentejn skond l-artikolu 2153 li l-liġi u l-ġurisprudenza jiddistingwu tliet xorta ta' danni, jiġifieri dawk derivanti minn delitt veru u proprju (fejn il-preskrizzjoni hija dik ta' l-azzjoni kriminali), dawk derivanti minn ħtija akwiljana (fejn il-preskrizzjoni hija dik ta' sentejn) u dawk derivanti minn inadempjenza kontrattwali (fejn il-preskrizzjoni hija dik ta' ħames snin);

Il-Qorti ta' l-Appell fil-kawża **Emanuele Cassar** *vs* **Maria *Ciappara***, *deċiża 2 ta' Marzu, 1953, esprimiet ruħha hekk:* "il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni għall-ħlas ta' ħsarat mhux ikkaġunati b'reat *tapplika biss għad-danni akwiljani, naxxenti minn kawżi* li penalment mhumiex reati, imma jkunu delitti ċivili, jew kważi delitti, u għalhekk dik il-preskrizzjoni mhux applikabbli għall-azzjoni għad-danni kontrattwali, jiġifieri dak id-dannu li fih jista' jirrisolvi ruħu l-inadempjiment ta' obbligazzjoni kontrattwali, iżda tolqot ir-riżarċiment ta' dannu extra kontrattwali derivanti mill-ħtija akwiljana, jiġifieri mill-fatt illeċitu";

Fil-każ in eżami kien hemm relazzjoni kontrattwali bejn l-attur u l-konvenuti. Effettivament l-attur kien u baqa', tul il-perijodu kollu in kwistjoni, impjegat. Tant hu hekk li fl-ittra ta' l-4 ta' Mejju, 1991, mibgħuta mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru lil Dr. G. Cutajar intqal espressament li "dawk il-perijodi li (l-attur) dam arrestat u fil-ħabs ... għandhom jgħoddu bħala servizz għall-fini tal-pensjoni";

Issa minħabba l-akkużi li kienu nġibu kontra tiegħu, l-attur ġie nterdett milli jaqdi l-funzjonijiet tal-kariga tiegħu. Dana ma jfissirx li l-obbligi kontrattwali naxxenti mill-impjieg tiegħu ntemmu. Isegwi li la darba b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell

kriminali l-attur ġie lliberat mill-akkużi miġjuba kontrih l-effetti ta' dik l-interdizzjoni kellhom jiġu kkunsidrati bħala li qatt ma kienu jeżistu u l-attur jitqiegħed fl-istat li kien qabel ma ngħatat l-interdizzjoni. Infatti, l-istess Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fl-ittra tagħha tas-6 ta' Ottubru, 1987, lill-attur (fol. 24) qalet hekk:

"B'din ngħarrfek li għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-offiża kriminali li fuqha ġejt misjub mhux ħati mill-Qorti ġie deċiż li inti tingħata lura dak l-ammont ta' salarju li nżammlek bħala riżultat ta' interdizzjoni";

B'sentenza ta' l-20 ta' Frar, 1995, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet il-kawża finalment fil-meritu billi ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti filwaqt li laqgħet it-talba attriċi kkundannat lill-konvenuti jħallsu lill-atturi s-somma ta' Lm8630.71,7 *bl-ispejjeż kollha jitħallsu mill-konvenuti*;

Is-sentenza appellata ngħatat b'din il-motivazzjoni:

"Illi l-kontendenti jaqblu dwar iċ-ċirkostanzi li taw lok għal proċeduri odjerni, liema fatti ġew ġà elenkati u ddettaljati minn din *l-istess Qorti fis-sentenza preliminari* tagħha tas-7 ta' Marzu, 1994. Fil-qosor però li jinteressa l-meritu ta' din is-sentenza huma s-segwenti fatti;

L-attur kien membru tal-Korp tal-Pulizija. Għall-ħabta tal-bidu ta' Diċembru, 1980, hu kien assenta ruħu mix-xogħol minħabba mard. *Fil-5 ta' Diċembru ta' l-istess sena kien sar hold up* fi *branch* ta' Bank il-Marsa u ġie allegat li l-attur kien jinsab fl-inħawi liebes l-uniformi matul il-perijodu tas-*sick leave*. Il-konvenut Kummissarju tal-Pulizija għalhekk talab li jittieħdu proċeduri dixxiplinari kontra tiegħu quddiem il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku. Sussegwentement l-istess

konvenut iddeċieda li jieħu passi kontra l-attur in konnessjoni mal-*hold up* tal-Bank u talab li l-attur jiġi nterdett mill-kariga tiegħu u li jittieħdu passi dixxiplinari mill-istess *Public Service Commission* in konnessjoni ma' din l-akkuża kriminali;

L-attur tressaq il-Qorti taħt arrest u ġie nterdett b'effett mit-12 ta' Marzu, 1981. Fil-pendenza tal-proċeduri kriminali l-attur għamel xi perijodi karċerat, ġie misjub ħati ta' l-akkużi miġjuba kontrih mill-ġuri u kkundannat piena ta' ħabs. Sussegwentement fuq appell tiegħu l-attur ġie ddikjarat mhux ħati ta' l-akkużi miġjuba kontrih u lliberat minn kull piena b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tal-5 ta' Ġunju, 1987;

Waqt il-proċeduri kriminali u sakemm tneħħiet l-interdizzjoni bħala riżultat tas-sentenza *tal-5 ta' Ġunju, 1987, l-*attur tħallas nofs is-salarju taż-żmien li għamel barra mill-ħabs. In-nofs l-ieħor ingħata lilu wara t-tneħħija ta' l-interdizzjoni. Is-salarju *għaż-żmien li l-attur għamel karċerat qatt ma tħallas lilu* u għalhekk qed jadixxi din il-Qorti sabiex il-konvenuti jiġu kkundannati jħallsuh, in linea ta' danni, dawk l-ammonti kollha li ġew *miżmuma lilu għal dawn il-perijodi;*

L-attur, in sostenn tat-talba tiegħu, qed jargumenta li, matul il-perijodu in kwistjoni, hu kien u baqa' fl-impjieg tiegħu. Infatti x-xhud l-Ispettur Ronald Kelly, li għandu l-kariga ta' *Inpsector Personnel* fil-*Headquarters* tal-Pulizija, ikkonferma li l-attur la rriżenja u lanqas ma ġie mkeċċi mill-Korp. Fil-fatt sad-data li xehed l-istess Kelly, l-attur kien għad kellu l-istess numru illi kellu meta daħal fis-servizz. Għalhekk, jgħid l-attur, il-kuntratt bejnu u l-*employer* tiegħu għadu *in vigore* u bħala konsegwenza għandu jitħallas kull paga dovuta għall-perijodu meta kien impjegat;

Il-konvenuti, mill-parti l-oħra, jsostnu li għalkemm huwa minnu li l-attur kien u baqa' membru tal-Korp tal-Pulizija, huma mhux tenuti jħallsuh għal dak il-perijodu li għamel il-ħabs b'ordni tal-Qorti billi fl-istess perijodu l-attur kien fl-impossibilità li jirrendi s-servizz li l-impjieg tiegħu kien jimponi fuqu;

Ikkunsidrat:

L-imjieg fis-servizz pubbliku u l-kondizzjonijiet kollha li jemanaw minn tali kuntratt, hu ssalvagwardat u ggarantit mill-Kostituzzjoni li tipprovdi għat-twaqqif ta' Kummissjoni biex tirregola l-ingaġġ, it-tkeċċija, id-dixxiplina kif ukoll ċirkostanzi oħra konnessi ma' l-istess servizz;

Huwa minnu li l-artikolu 742 (5) tal-Kap. 12 jistabbilixxi li servizz mal-Gvern "hu rapport speċjali rregolat b'disposizzjonijiet legali speċifikatament applikabbli għalih" u li konsegwentement ebda liġi dwar kondizzjonijiet ta' impjieg jew kuntratti ta' servizz jew ta' impjieg ma tapplika, b'danakollu l-kuntratt li jorbot il-partijiet mhu xejn anqas minn kuntratt ta' kiri ta' xogħol kif stabbilit fl-artikolu 1623 tal-Kap. 16;

Fost ir-regolamenti li jolqtu l-impjegat fis-servizz pubbliku nsibu dawk maħruġa taħt l-Avviż Legali 5 ta' l-1977 li jirregolaw il-proċedura ta' dixxiplina fis-servizz pubbliku;

Skond dawn ir-regolamenti uffiċjal pubbliku jista' jiġi assoġġettat għal proċeduri ta' dixxiplina quddiem il-*Public Service Commission*, imwaqqfa mill-Kostituzzjoni ta' Malta sew minħabba ksur tar-regolamenti dipartimentali, kif ukoll meta l-istess uffiċjal jiġi mressaq quddiem Qorti akkużat b'reat kriminali. Fil-pendenza ta' tali proċeduri l-Prim Ministru, fuq

rakkomandazzjoni ta' l-istess *Public Service Commission*, jista' jinterdiċi lill-uffiċjal pubbliku mill-eżerċizzju ta' dawk is-setgħat u funzjonijiet tal-kariga tiegħu, meta dan il-pass ikun jidher meħtieġ fl-interess pubbliku;

L-interdizzjoni ta' uffiċjal pubbliku tista' ukoll iġġib magħha konsegwenzi fuq is-salarju perċepit ta' l-istess uffiċjal billi parti mis-salarju, mhux aktar minn nofs dak normalment perċepit *minnu, jiġi miżmum pendenti d-determinazzjoni ta' l-*istess proċeduri ta' dixxiplina jew proċeduri kriminali. Iżda f'każ ta' eżitu favorevoli għal uffiċjal milqut mill-istess proċeduri, dik il-parti mis-salarju li tkun inżammitlu għandha tintradd lura lilu. Dana sakemm, fil-każ ta' proċeduri kriminali li minnhom ikun meħlus, ma jinġibux, xorta waħda, proċeduri quddiem l-istess Kummissjoni għat-tkeċċija jew kastig ta' l-uffiċjal "*fuq akkuża oħra li tinħoloq mill-kondotta tiegħu fil-kwistjoni*". *F'dan il-każ deċiżjoni dwar it-tkeċċija jew kastig ta'* l-uffiċjali tittieħed mill-Prim Ministru, wara li jintemmu l-istess proċeduri u dejjem fuq il-parir tal-Kummissjoni (artikolu 8, A.L. 5 ta' l-1977);

Issa fil-każ in eżami jista' jiġi eskluż *ab initio*, li l-paga ta' l-attur, matul il-perijodu karċerarju, inżammet wara xi proċeduri *ad hoc* ta' dixxiplina, meħuda jew dipartimentalment - minħabba l-fatt li l-attur instab liebes l-uniformi meta kien bis-*sick leave*, jew wara xi deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Fl-ewwel każ, skond ix-xhud Kelly, dawn qatt ma ġew prosegwiti. Fit-tieni każ, il-proċeduri dixxiplinari *quddiem il-Kummissjoni minħabba l-akkuża* kriminali, ġew irtirati wara s-sentenza ta' liberazzjoni. Inoltre, qatt ma ttieħdu xi proċeduri oħra ai termini ta' l-artikolu 8 tar-Regolamenti fuq iċċitati. Dan jidher mill-ittra tas-6 ta' Ottubru, 1987, (fol. 24) tas-Segretarju tal-Kummissjoni, indirizzata lill-attur;

Jirriżulta għalhekk li l-paga li nżammet lill-attur, sew matul il-perijodu li għamel karċerat, sew le, inżammet lilu bħala riżultat ta' l-interdizzjoni tiegħu ai termini ta' l-artikolu 4 tar-Regolamenti ta' l-1977;

Meta ġew konkjużi l-proċeduri kriminali u finalment l-attur ġie ddikjarat mhux ħati ta' l-akkużi mressqa kontrih, il-Kummissjoni nfurmatu (*vide* dok. A, fol. 24) li "ġie deċiż li inti tingħata lura dak l-ammont ta' salarju li nżammlek bħala riżultat ta' l-interdizzjoni, u li din titneħħielek". B'danakollu fl-4 ta' Mejju, 1991, erba' snin wara li l-attur ġie ddikjarat mhux ħati kriminalment u li kienet tneħħitlu l-interdizzjoni, ġie avżat mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru, illi (a) it-talba tiegħu li jitħallas is-salarju li ma ngħatax waqt il-perijodu li dam arrestat u fil-ħabs, ma ġietx milqugħa; u (b) li dak il-perijodu (karċerarju) għandu jgħodd bħala servizz għall-fini tal-pensjoni;

Minn din l-ittra wieħed jifhem li l-*Management and Personnel Office* ta' l-Uffiċċju tal-Prim Ministru rrikonoxxa lill-attur bħala mpjegat tas-servizz ċivili u dan anke matul il-perijodu li l-istess attur għamel karċerat. Iżda mingħajr ma ngħata ebda spjegazzjoni, l-attur inżammitlu dik il-parti mill-paga li tifforma meritu ta' din il-kawża;

L-artikolu 8 ta' l-A.L. 5 ta' l-1977 jispeċifika li "uffiċjal pubbliku meħlus minn akkuża kriminali f'xi Qorti ma għandux jitkeċċa jew xort'oħra jiġi kkastigat fuq xi akkuża li minnha jkun ġie meħlus". Inoltre, is-subinċiż 3 ta' l-artikolu 4 ta' l-istess Regolamenti, jippreskrivi li jekk il-proċeduri ta' dixxiplina ma jirriżultawx fit-tkeċċija jew piena oħra ta' l-uffiċjal, huwa jkollu dritt għall-ammont sħiħ ta' salarju li kien jirċievi kieku ma ġiex interdett";

Fil-każ in eżami, kif ġà rajna, il-proċeduri ta' dixxiplina

quddiem il-Kummissjoni, in konnessjoni ma' l-allegat reat kriminali, qatt ma bdew billi dawn kienu qegħdin jistennew l-eżitu tal-proċeduri kriminali li finalment kellhom riżultat favorevoli għall-attur;

Għalhekk isegwi li la darba ma kienx hemm proċeduri ta' dixxiplina u l-interdizzjoni tneħħiet, l-attur kien intitolat għar-rimbors ta' l-ammont kollu miżmum u mhux sempliċement ta' dak l-ammont li l-Gvern arbitrarjament, iddeċida li jrodd lura;

Il-konvenuti qegħdin jikkontendu f'dan ir-rigward li l-ħlas tas-salarju huwa intimament marbut mas-servizz li persuna tagħti u kwindi ġie sottomess li l-attur mhux intitolat u lanqas jista' jitlob ħlas għall-perijodu meta kien, minħabba ordni ta' Qorti, fl-impossibilità fiżika, li jirrendi tali servizz;

Il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni billi l-ingaġġ ta' persuna f'impjieg, filwaqt li tagħti lil dik il-persuna d-dritt għas-salarju mhux daqstant meħtieġ li dik il-persuna tirrendi servizz. Insibu diversi każi fejn dan il-ħsieb japplika. Persuna mpjegata fuq l-hekk imsejjaħ *retainer* li għalkemm is-servizz tagħha *ma jkunx meħtieġ minħabba ċ-ċirkostanzi ta' l-azjenda*, xorta waħda jkollha dritt għall-ammont ta' *retainer* kuntrattat. Każ ieħor meta persuna timrad fit-tul, xorta waħda *għandha dritt* li tirċievi l-paga għalkemm ma tkunx qed tirrendi servizz. Id-dritt għall-paga jitwieled mill-ingaġġ fl-impjieg ta' persuna, liema kuntratt jorbot lill-impjegat ma' l-*employer* ad esklużjoni ta' *employers* oħra. Infatti Qorti Ingliża fil-kawża **Emmens vs Elderton** (4 H.L. Cas. 624 - p. 654) f'dan ir-rigwrd esprimiet ruħha hekk: "*The word "employ" does not necessarily mean employed in actual work; but ... may be fulfilled by keeping him in the service*";

Fl-aħħarnett jiġi rrilevat li l-perijodu li l-attur għamel

*karċerat bl-ebda mod ma jbiddel is-sitwazzjoni tiegħu fil*-konfront ta' l-*employer*. L-interdizzjoni twaqqfu, b'mod l-aktar assolut, milli "jeżerċita dawk is-setgħat u funzjonijiet" tal-kariga tiegħu. Għalhekk anke fil-perijodu li l-attur għamel barra mill-ħabs, xorta waħda kien prekluż, minħabba l-interdizzjoni, li jagħti s-servizz tiegħu lill-konvenut, anke kieku ried. Dan iwassal lil din il-Qorti biex tikkonkludi li huwa rrilevanti jekk matul il-perijodu ta' l-interdizzjoni, l-attur kien ġewwa jew barra l-ħabs billi fiż-żewġ każi qatt ma seta' jaqdi l-funzjonijiet tiegħu;

Għalhekk id-distinzjoni li saret fil-konfront ta' l-attur, bejn il-paga dovuta meta kien barra mill-ħabs u meta kien fil-ħabs, mhux biss ma tagħmilx sens iżda ukoll mhix permessa mill-istess regolamenti dwar id-dixxiplina fis-servizz pubbliku;

Trid għalhekk tirregola l-liġi u s-subinċiż (3) ta' l-artikolu 4 u l-artikolu 8 ta' l-Avviż Legali 5 ta' l-1977 ma jħallu ebda dubbju dwar x'kellu jsir fil-każ li l-attur jiġi lliberat mill-akkużi kriminali miġjuba kontrih u fil-każ li ma jkun hemm ebda deċiżjoni dwar tkeċċija jew kastig wara proċeduri dixxiplinari meħuda quddiem il-Kummissjoni. Ċjoè li għandu jingħata kull ammont indebitament miżmum;

Illi dwar l-ammonti miżmuma ndebitament hemm qbil bejn il-kontendenti u saret referenza għad-dokumenti CM1 a fol. 23 tal-proċess, minn fejn jirriżulta li s-somma globali miżmuma lill-attur matul il-perijodu li hu għamel il-ħabs tammonta għas-somma ta' tmint elef sitt mija u tletin lira Maltija, wieħed u sebgħin ċenteżmu u seba' millleżmi (Lm8630.71,7). Għalhekk din il-Qorti qed tillikwida l-ammont dovut lill-attur fl-imsemmija somma";

Il-konvenuti appellaw minn dawn iż-żewġ sentenzi u

sostnew li kien hemm kontradizzjoni ċara bejn dak li ġie deċiż fis-sentenza tas-7 ta' Marzu, 1994, fis-sens li l-impjegat ma setax ifittex għall-ħlas lilu tal-paga meta huwa *ma kienx* ippresta *servizz* lil *min* jimpjegah, u dak li ġie deċiż fis-sentenza ta' l-20 ta' Frar, 1995, li ddeċidiet li tali azzjoni setgħet issir;

Fil-fehma tagħhom l-ewwel sentenza kkonkludiet li: (1) l-azzjoni *ma* kinitx waħda għall-ħlas ta' paga għax din ma setgħetx tintalab la darba ma ngħatax is-servizz; u (2) li l-azzjoni kienet waħda għall-esekuzzjoni ta' obbligazzjoni kontrattwali;

It-tieni sentenza invece kkonkludiet li: (1) setgħet issir azzjoni għall-ħlas ta' paga nonostante li s-servizz *ma jkunx* ingħata mill-impjegat (u dan kuntrarjament għal dak li ġie deċiż fl-ewwel sentenza u li minħabba f'hekk l-Ewwel Qorti kienet irrespingiet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni proprju għax *din ma* kinitx azzjoni għall-ħlas ta' paga); u (2) li l-ammont ta' paga li l-appellanti kien qed jiġi kkundannat li jħallsu kien dovut, fit-termini ta' l-Avviż Legali 5 ta' l-1977. Għalhekk fil-fehma ta' l-appellant dik it-tieni sentenza ddeċidiet il-kawża bħala waħda għall-ħlas ta' kreditu dovut in forza ta' liġi;

Minn dan l-aggravju ċentrali l-appellanti *jisiltu numru ta'* sottomissjonijiet li jimmeritaw konsiderazzjoni u li din il-Qorti ser teżamina fl-isfond tal-prinċipji ta' dritt li huma applikabbli għall-fatti in kawża;

Kif sewwa identifikat mill-Ewwel Qorti u ssollevat mill-konvenuti appellanti fin-nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri tagħhom, is-subinċiż (6) ta' l-artikolu 469 (a) (ġà 742 (5)) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, hu ċentrali u determinanti għall-meritu ta' din il-kawża. Għandu però jinqara bi preċiżjoni u sewwa valorizzat in kwantu l-portata *tiegħu*

mhijiex dik li tiġi vvantaġġata l-amministrazzjoni pubblika a skapitu ta' l-impjegat ċivili jew li dan ta' l-aħħar kellu jitqiegħed f'posizzjoni ta' inferjorità meta mqabbel ma' mpjegati f'impjieg privat li kellhom il-vantaġġ tal-protezzjoni ta' liġijiet speċjali, soċjali, li jirregolaw il-kondizzjonijiet ta' xogħol, l-ingaġġ, it-tkeċċija u naturalment il-ħlas għax-xogħol ipprestat. Taħt ċertu aspetti l-kontra hu l-każ għax l-impjegat fis-settur pubbliku għandu, taħt ċerti aspetti, protezzjoni aktar kompleta;

Għandu jiġi ppreċiżat qabel xejn:

Li mhix korretta l-enunċjazzjoni ta' l-Ewwel Qorti li nonostante dak li hemm ipprovdut fis-subinċiż (6) ta' l-artikolu 469 (a) "b'danakollu l-kuntratt li jorbot lill-partijiet mhu xejn anqas minn kuntratt ta' kiri ta' xogħol kif stabbilit fl-artikolu 1623 tal-Kap. 16", li donnu jfisser li l-provvedimenti tal-Kodiċi Ċivili li jirrigwardaw il-kuntratt ta' kiri ta' xogħol, b'xi mod japplikaw għall-ingaġġ mal-Gvern Ċivili. Dan hu żbaljat u l-liġi espressament teskludih;

F'dan ir-rigward, min-naħa l-oħra, l-enunċjazzjonijiet ta' dritt sottomessi mill-konvenuti, li jidher li huma arġinati fuq il-premessa, illum f'ħafna aspetti u fora kkontestati, illi l-kondizzjonijiet ta' l-impjieg ta' l-impjegati tal-Gvern huma biss materja ta' dritt pubbliku rregolati mid-dritt pubbliku u mhux mill-Kodiċi Ċivili, u li allura ma jeżisti l-ebda forma ta' kuntratt bejn il-Gvern u l-impjegati tiegħu, jeħtieġu preċiżazzjoni;

Dan is-subinċiż (6) ta' l-artikolu 469 (a) tal-Kap. 12 jiddisponi illi:

"Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, u ta' kull disposizzjoni oħra ta' din il-liġi u ta' kull liġi oħra, servizz mal-Gvern hu

rapport speċjali rregolat b'disposizzjonijiet speċjali speċifikatament applikabbli għalih u bil-pattijiet u l-kundizzjonijiet stabbiliti minn żmien għal żmien mill-Gvern, u ebda liġi jew disposizzjoni tagħha dwar kundizzjonijiet ta' mpjieg jew kuntratti ta' servizz jew ta' mpjieg ma tapplika, u qatt ma kienet tapplika, għal servizz mal-Gvern ħlief safejn dik il-liġi ma tipprovdix xort'oħra";

Waqt li din il-Qorti taqbel li dan il-provvediment espressament jeskludi lis-servizz mal-Gvern mill-kontroll ta' kull liġi oħra li tirregola l-kuntratt ta' servizz jew ta' *impjieg*, u b'mod speċifiku teskludi għalih l-applikazzjoni tal-Kodiċi *Ċivili* ("*u ta' kull disposizzjoni ta' din il-liġi*", *ovvjament* tirreferi għal dak il-Kodiċi), dak l-istess provvediment jassoġġetta s-servizz mal-Gvern għal provvedimenti ta' disposizzjonijiet speċjali li jirregolaw dan ir-rapport speċjali fir-rigward ta' l-ingaġġ, kondotta u terminazzjoni ta' dak l-impjieg. Dawn id-disposizzjonijiet speċjali jorbtu ukoll allura lill-amministrazzjoni li hi obbligata fir-relazzjonijiet tagħha ma' l-impjegati li tosserva dawk il-provvedimenti ntiżi biex jittutelaw proprju dawk il-jeddijiet tal-ħaddiema tal-Gvern kontra *min* iħaddimhom. Il-liġi allura ma tistrieħx biss fuq il-prinċipju ġenerali ta' dritt pubbliku li l-istat, bħala *good employer*, jekk mhux l-aqwa wieħed, hu mistenni li jittratta sewwa u ġustament lill-impjegati tiegħu, imma ukoll torbtu li jaġixxi b'ċertu mod determinat u b'ċerta proċedura stabbilita f'sitwazzjonijiet partikolari skond kif ipprovdut b'disposizzjonijiet speċjali speċifikatament applikabbli. Dan ċertament japplika b'mod partikolari fir-rigward ta' proċeduri dixxiplinari fosthom fil-każ fejn l-impjegat jonqos li jirrapporta għax-xogħol bla awtorizzazzjoni;

Il-punt li trid tagħmel il-Qorti hu li, kif ingħad, l-artikolu 469 (a) (6) tal-Kap. 12 mhux neċessarjament ipoġġi lill-impjegat ċivili f'qagħda ta' żvantaġġ *vis a vis* mpjegati oħra li l-

kuntratt ta' impjieg tagħhom hu rregolat bil-liġijiet ordinarji. Taħt ċerti aspetti dan is-subinċiż ipoġġi lill-impjegat fis-servizz mal-Gvern f'posizzjoni privileġġata, għaliex jekk hu veru li dawn il-liġijiet ma jolqtux u ma jirregolawx l-impjieg fis-settur pubbliku hu daqstant veru ukoll li l-istat ma jistax jinvoka dawk l-istess liġijiet fejn jagħtu anqas protezzjoni lill-ħaddiem kontra min iħaddimhom minn dawk il-provvedimenti speċjali li jirregolaw l-impjieg fis-settur pubbliku, u li allura kienu jorbtu lill-amministrazzjoni pubblika. Hekk per eżempju, filwaqt li taħt il-liġi ordinarja hu permess għal min iħaddem li jittermina unilateralment l-impjieg ta' ħaddiem jekk tirriżulta raġuni ġusta u suffiċjenti u jkunu jokkorru ċirkostanzi li fihom il-liġi tippermetti t-terminazzjoni ta' l-impjieg, u dana bla kumpens, it-tkeċċija ta' mpjegat ċivili hi rregolata minn proċedura stretta li l-amministrazzjoni pubblika jeħtiġilha ssegwi quddiem il-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku mwaqqfa bil-Kostituzzjoni li tassigura lill-impjegat, mhux biss mezz ta' difiża xieraq imma ukoll id-dritt li jibqa' jirċievi nofs is-salarju li għalih ikun intitolat jekk ikun ġie nterdett u pendenti l-proċeduri ta' dixxiplina kontrih. Dritt li l-Istat obbligat li jonora u li l-impjegat fis-settur privat, ovvjament, m'għandux. Eżempju dan li hu rilevanti għall-każ taħt eżami;

Dan qed jingħad biex jiġi llustrat li t-teorija tad-Dritt Amministrattiv Ingliż tan-*non legal nature of the civil service* illum ġiet konsiderevolment mxellfa u m'għadhiex dak il-prinċipju assolut li qabel kienet. M'għadux daqstant aċċettat illi l-impjieg ma' l-amministrazzjoni pubblika kien kważi prekarju għax is-sovran kellu l-jedd assolut *to hire and fire* u li allura l-impjegati kollha kienu meqjusa li qegħdin fl-impjieg *at Her Majesty's Service and pleasure*, anke jekk *Her Majesty* kienet ukoll fit-teorija kkunsidrata bħala l-kwintessenza tal-ġustizzja, oġġettività u raġonevolezza, anke fir-rigward ta' dawk is-sudditi tagħha li kienu mpjegati tagħha u jservuha. F'dan ir-rigward il-Kostituzzjoni nfisha ġustament u sewwa kkreat il-makkinarju

biex jiġu rregolati r-relazzjonijiet bejn l-Esekuttiv u s-servizz pubbliku fil-Kapitolu X tagħha, b'mod partikolari fit-twaqqif tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Dan il-Kapitolu, filwaqt li jirrikonoxxi n-natura speċjali ta' l-impjieg fis-servizz ċivili u jipprovdi l-makkinarju biex l-amministrazzjoni pubblika tibqa' tiffunzjona bl-inqas tfixkil possibbli jieħu ħsieb biex b'mod konkret jipproteġi lill-impjegat pubbliku kontra l-arbitrarjetà, l-abbuż ta' poter u diskriminazzjoni u jissalvagwardja ukoll, direttament u indirettament, id-dritt tiegħu għal remunerazzjoni għas-servizz li jagħti, kif ukoll għall-pensjoni. Dan il-bilanċ li l-Kostituzzjoni toħloq, u li fil-verità hu rifless fis-subinċiż 6 ta' l-artikolu 469 (a) tal-Kap. 12, ma jistax ma jkunx finalment protettiv tad-drittijiet ta' l-impjegat ċivili in kwantu jobbliga lill-istat li jsegwi proċeduri determinati bl-istess Kostituzzjoni u b'disposizzjonijiet speċjali kemm f'liġijiet, kif ukoll f'regolamenti *ad hoc* li jirregolaw l-impjieg miegħu;

F'dan ir-rigward hu nteressanti li jidher li l-istess żvilupp ġurisprudenzjali qed jevolvi fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja dwar l-applikabilità ta' l-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja u dwar jekk setax jingħad li materji li jirrigwardaw dan l-impjieg pubbliku kienu jinvolvu d-determinazzjoni ta' *civil rights and obligations*;

*"In accordance with the private law reading of civil rights and obligations, claims concerning a number of other rights have been rejected as falling outside article 6. Rights concerning employment in the public sector fall within this category, although a recent Court judgement has eroded the scope of this limitation. In **Lombardo vs Italy**, while recognising that disputes relating to the recruitment, employment and retirement of judges are as a general rule outside the scope of article 6 (1), the Court held that a dispute concerning a judge's pension* <u>*to which he was entitled by statute*</u>

*concerned a civil right. As in recent social security cases, the Court drew a distinction between the exercise of discretion by the State and the performance of a statutory obligation";*

*"In performing this obligation the State is not using discretionary powers and may be compared in this respect with an employer who is party to a contract of employment governed by private law"* (A 249 B para. 17 (1992) *Article 6 also applied in* **Scuderi *vs* Italy** (A 265 A (1993) *Civil Servant Salary Claim and* **Muti *vs* Italy** (A 281 C (1994) *State Counsel's Office employees invalidity pension*) (Harris Boyle & Warbuck - *Law of the European Convention on Human Rights* p. 182 *et seq*);

Fl-isfond ta' dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti tiddubita allura kemm ghadha valida fl-assolut is-sottomissjoni ta' l-appellanti li ma jistax jingħad li jeżisti kuntratt ta' impjieg fit-termini tal-Kodiċi Ċivili jew ta' xi liġi oħra bejn l-impjegat u l-Gvern li jimpjegah. Tiddubita allura kemm għadha valida s-sottomissjoni li azzjoni ta' mpjegat tal-Gvern biex jitħallas ammont allegatament dovut lilu mingħand il-Gvern bħala paga ma setgħetx, taħt l-ebda aspett, titqies bħala azzjoni ta' danni kontrattwali bbażati fuq il-kuntratt privat, iżda biss azzjoni taħt id-dritt pubbliku għall-ħlas ta' ammont allegatament dovut in forza ta' liġi. Id-distinzjoni ssir aktar sottili u kważi effimera meta jiġi kkunsidrat li l-artikolu 469A (6) jikkunsidra l-impjieg mal-Gvern bħala "rapport speċjali" "regolat b'disposizzjonijiet speċifikatament applikabbli għalih", apparti milli bil-pattijiet stabbiliti minn żmien għal żmien mill-Gvern. Dan ir-rapport, kif ingħad, ċertament jagħti lok għal drittijiet u obbligi reċiproċi u allura l-inadempjenza minn xi parti ta' obbligu rregolat b'tali disposizzjoni speċjali, mhux biss tagħti lok għall-pagament, imma ukoll, fejn applikabbli, għal danni konsegwenzjali għal dak l-inadempjiment. Dawn "id-disposizzjonijiet speċjali" jistgħu jieħdu diversi forom u jinkludu dawk rilevanti għal każ taħt eżami u ċjoè l-Ordinanza dwar il-Pulizija ta' Malta (Kap.

164) - att leġislattiv tal-Parlament u l-Avviż Legali 5 ta' l-1977, kif emendat bl-Avviż Legali 85 ta' l-istess sena li jinkorporaw *ir-Regolamenti tal-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku li* jirregolaw il-proċedura ta' dixxiplina f'dak is-servizz - att amministrattiv magħmul bis-saħħa ta' l-artikolu 123 tal-Kostituzzjoni mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku bil-kunsens tal-Prim Ministru. Iż-żewġ atti jagħtu lill-amministrazzjoni pubblika setgħat wiesgħa fir-rigward tat-tmexxija tas-servizz pubbliku imma jimponu wkoll *limitazzjonijiet fuq l-amministrazzjoni ntiżi biex jipproteġu lill-*membri ta' dak is-servizz li l-Esekuttiv kien obbligat li josserva. Fejn kien jirriżulta nuqqas l-Esekuttiv hu kjarament azzjonabbli;

Dan joħroġ ċar proprju mill-artikolu 4 tar-Regolamenti ta' l-1977 kif emendati appena ċċitati. Dan jagħti d-dritt lill-Prim Ministru li jekk jitqies li jkun fl-interess pubbliku li uffiċjal pubbliku itemm minnufih milli jeżerċita s-setgħat u funzjonijiet tal-kariga tiegħu, il-Prim Ministru jista', fuq rakkommandazzjonni tal-*Kummissjoni, jinterdiċi lill-uffiċjal* mill-eżerċizzju ta' dawk is-setgħat u funzjonijiet kemm-il darba jkunu qed jittieħdu l-proċeduri għat-tkeċċija tiegħu jew ikunu *qegħdin isir proċeduri kriminali kontra tiegħu. Ir-regolament* però jimponi fuq il-Prim Ministru żewġ limitazzjonijiet fl-eżerċizzju ta' dan il-poter: jista' jinterdiċi uffiċjal pubbliku biss - (1) fuq rakkommandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, u (2) irridu jkunu qed jittieħdu proċeduri għat-tkeċċija tiegħu jew ikunu qed isiru proċeduri kriminali kontra tiegħu. Ċertament l-uffiċjal pubbliku għandu dritt jazzjona lill-Prim Ministru biex jikkontesta l-interdizzjoni tiegħu bħala llegali li mhux sempliċement għax inġusta jekk xi waħda minn dawn ir-rekwiżiti tirriżulta nieqsa. Kif ukoll jista' *jazzjona* għall-ħlas ta' dak is-salarju li, skond l-istess provvediment, kien dovut lilu fiż-żmien ta' l-interdizzjoni, u dana skond is-subinċiżi 2 u 3 ta' l-istess artikollu 4;

Għandu jkun paċifiku allura fl-istat tal-liġi in materja kif evolviet, illi dan ir- "rapport speċjali" li jirrikonoxxi u jistabbilixxi l-artikolu 469A (6) tal-Kap. 12 joħloq kuntratt speċjali bejn il-Gvern li qed jimpjega u l-impjegat tiegħu li jikkrea drittijiet u obbligi reċiproċi, anke jekk veru rregolati b'disposizzjonijiet speċjali, imma li xorta waħda huma azzjonabbli kemm in linja ta' *specific performance* kif ukoll in linja ta' danni jekk dan ma jkunx għadu possibbli. Il-Qorti ma tarax għaliex, anke f'sitwazzjoni simili, ma għandux japplika għal dan it-tip ta' kuntratt speċjali soċjali l-insenjament ta' din il-Qorti illi "id-danni kontrattwali għandhom funzjoni riparatriċi u m'għandhomx ikunu strument ta' piena tal-kontraent inadempjenti jew ta' lukru indebitu favur il-kontraent l-ieħor, *imma biss reintegrazzjoni tal-patrimonju tad-dannegġjat fil-miżura* li jkun sofra d-danni" (Vol. XXXVII.pt. I, p. 478 *et seq*). Fil-każ in eżami hu ovvju li jekk tirriżulta l-inadempjenza da parti tal-konvenuti, id-danni li għalihom ikunu responsabbli jkunu ekwivalenti għall-ammont ta' paga li l-attur appellat qed jippretendi li tilef fil-perijodu li fih ma setax jattendi għax-xogħol;

Minn dawn il-konsiderazzjonijiet, wieħed jista' jasal għall-konklużjoni illi l-kontradizzjoni rravviżata mill-appellanti bejn is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti tas-7 ta' Marzu, 1994, li biha ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u dik ta' l-20 ta' Frar, 1995, li laqgħet it-talbiet attriċi, hija aktar waħda apparenti milli reali. Dan għaliex waqt li hu minnu li l-azzjoni ma kinitx strettament waħda għall-ħlas ta' paga - u dan hu ddikjarat mill-attur stess fl-att taċ-ċitazzjoni - hu veru ukoll li l-ammont irreklamat b'din l-azzjoni in linja ta' danni hu wieħed ekwivalenti għall-ammont ta' paga li għalih l-attur kien qed jippretendi li kien intitolat. Jekk hi korretta l-konklużjoni ta' l-Ewwel Qorti li l-attur appellat kien intitolat għall-ammont sħiħ ta' salarju li kien jirċievi kieku ma ġiex interdett, anke fiż-żmien meta kien detenut taħt arrest, il-kawżali ta' tali pagament

ma kienx ikun il-prinċipju *omne labor optat premium*, għaliex is-servizz bħala fatt hu ammess li ma kienx jingħata. Imma l-kawżali *tkun l-obbligu li assumiet l-amministrazzjoni pubblika* fir-rigward ta' l-impjegati tagħha illi jekk u meta javverraw ruħhom dawn iċ-ċirkostanzi, l-impjgati ċivili jkollhom id-*dritt li jibqgħu jitħallsu l-paga nonostante li s-servizz ma jkunx* ingħata. L-obbligu jkun joħroġ *ex lege* bħala riżultat tal-kuntratt speċjali bejn il-Gvern u l-impjegat tiegħu. U jekk dak l-obbligu ma jiġix sodisfatt, il-pagament ikun ta' salarju, imma in linja ta' danni konsegwenzjali għall-inadempjiment ta' obbligazzjoni da parti tal-konvenuti;

Irid jiġi issa kkunsidrat jekk, fid-dawl ta' dawn il-prinċipji ġenerali ta' dritt, jistax jingħad li l-konvenuti appellanti kinux inadempjenti fl-obbligi tagħhom fil-konfront ta' l-attur, allura mpjegat bħala membru tal-Korp tal-Pulizija. L-Ordinanza dwar il-Pulizija ta' Malta (Kap. 164), fl-artikolu 22, hekk tiddisponi:

"L-ebda paga m'għandha tgħaddi favur xi uffiċjal tal-*Pulizija dwar xi żmien li matulu jkun assenti mix-xogħol* <u>bla permess, jew ikun qiegħed jiskonta xi piena ta' priġunerija mwaħħla minn qorti</u>";

L-artikolu 2 ta' l-istess Ordinanza jiddefinixxi l-kelma priġunerija li tfisser: "kull piena restrittiva ta' libertà personali mogħtija minn Qorti ta' liġi";

*Din l-Ordinanza hi l-<u>liġi speċjali</u> li tirregola inter alia l-*kondizzjonijiet ta' l-ingaġġ, doveri u dixxiplina fil-Korp tal-Pulizija u jidher li din eludiet l-attenzjoni tal-kontendenti u ta' l-Ewwel Qorti tant li ebda referenza għaliha ma tirriżulta fis-sentenza ta' *l-20 ta' Frar, 1995, li ddeċidiet il-meritu*. Jeħtieġ li jiġi analizzat dan l-artikolu għax rilevanti, anke in kwantu jista' jsib applikazzjoni fiċ-ċirkostanzi l-prinċipju bażilari ta' dritt li

*liġi speċjali tissopravvjeni fuq liġi ta' applikazzjoni ġenerali (lex specialis derogat generalis)*;

L-appellat qed jippretendi ħlas ta' paga għal żmien meta kien arrestat fuq ordni tal-Qorti;

Mis-7 ta' Diċembru, 1981, sal-11 ta' Marzu, 1981, u ċjoè mid-data ta' l-arrest tiegħu sa meta ġie mressaq u akkużat quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati u eventwalment mogħti l-ħelsien preventiv mill-arrest;

Mit-3 ta' Frar, 1984, meta l-Qorti Kriminali tat id-deċiżjoni tagħha li biha sabitu ħati ta' l-akkużi dedotti kontra tiegħu, sal-5 ta' Ġunju, 1987, data meta l-Qorti ta' l-Appell *Kriminali lliberat lill-istess appellat mill-akkużi miġjuba* kontrih;

Issa hu ċar li l-artikolu 22 fuq ċitat jidentifika bi preċiżjoni f'liema eventwalità ma kellhiex titħallas il-paga meta l-uffiċjal tal-pulizija jkun detenut. Jiddisponi hekk biss f'każ li l-uffiċjal tal-pulizija jkun qed jiskonta xi piena ta' priġunerija. Dan *ovvjament, u naturalment, jeskludi l-perijodu li fih l-uffiċjal* ikun taħt arrest preventiv pendenti s-smigħ tal-każ tiegħu. F'dan il-każ hu ma jkun qiegħed jiskonta l-ebda piena u l-ewwel perijodu hu allura eskluż minn din il-parti tal-provvediment;

It-tieni perijodu jirrigwarda ċertament żmien li fih l-appellat jista' jingħad li kien *qiegħed jiskonta piena* ta' priġunerija fuqu nflitta minn Qorti wara li din kienet sabitu ħati ta' l-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Dan il-perijodu allura, jista' jitqies bħala perijodu ta' priġunerija li l-appellat kien qed jiskonta bħala piena restrittiva ta' libertà personali tiegħu wara sentenza. Tant li dak il-perijodu kien ikun meqjus bħala wieħed li ġie skontat bis-sentenza li l-appellat ingħata li kieku l-appell

tiegħu ġie miċħud. Dan ifisser li sakemm is-sentenza li sabitu ħati u kkundannatu għall-priġunerija, ma ġietx revokata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, il-konvenuti appellanti kienu pjenament ġustifikati li waqqfu l-ħlas tal-paga f'dak il-perijodu a differenza tal-perijodu meta kien detenut taħt arrest preventiv. Appena, però, ġiet revokata dik is-sentenza, l-effetti kollha ta' dik il-kundanna kellhom jitqiesu li ġew newtralizzati u l-akkużat, appena liberat minn kull ħtija kriminali, kellu *jiġi* reintegrat fid-drittijiet kollha tiegħu daqslikieku qatt ma kien hekk instab ħati. Ċertament ma setax jitqies li fil-perijodu li l-akkużat kien għamel detenut jiskonta sentenza ta' priġunerija li ġiet revokata b'dikjarazzjoni ta' innoċenza, hu kien qiegħed jiskonta xi piena ta' priġunerija imwaħħla fuqu mill-Qorti. Hu ċar għal din il-Qorti li l-fatt li l-artikolu 22 jistipula li ma għandha titħallas ebda paga speċifikatament meta l-membru tal-*Pulizija jkun qed jiskonta piena ta' priġunerija, u mhux* kull meta jkun detenut, tkun xi tkun ir-raġuni, u allura kien fl-impossibilità li jattendi għad-doveri tiegħu, għandu jiġi sewwa vvalorizzat. Il-Qorti tifhem li *a contrario sensu*, jista' *jiġi* argumentat illi allura f'dawk il-każijiet l-oħra fejn il-pretensjoni ma tkunx konsegwenzjali għall-piena nflitta mill-Qorti, il-paga kellha tibqa' titħallas. F'dan ir-rigward jassumi rilevanza l-*artikolu 8 ta' l-Avviż Legali 5 ta' l-1977, ċitat fis-sentenza* appellata, li jipprovdi li uffiċjal pubbliku meħlus minn akkuża kriminali f'xi Qorti, ma għandux jitkeċċa jew xort'oħra jiġi kkastigat fuq xi akkuża li minnha jkun ġie meħlus. Kien indubbjament ikun l-agħar forma ta' kastig jekk l-uffiċjal *pubbliku jitlef il-paga li kien ikun intitolat għaliha wara li jkun* għadda it-tiroċinju u t-trawma ta' proċeduri kriminali li fihom ikun instab li ma kienx ħati speċjalment meta mhux hekk kien jiġrilu li kieku ma ġiex misjub ħati mill-Bord ta' Dixxiplina minn akkuża li minħabba fiha jkun ġie nterdett (subartikoli 2 u 3 ta' l-artikolu 4);

L-artikolu 22 ta' l-Ordinanza jipprovdi ukoll illi l-ebda

paga m'għandha tgħaddi favur xi uffiċjal tal-pulizija dwar xi *żmien li matulu jkun assenti mix-xogħol bla permess.* Dan neċessarjament jippresupponi illi l-uffiċjal tal-pulizija ma jkunx leġittimament impedut milli jattendi għax-xogħol minħabba xi raġuni li ma tiddependix mill-volontà tiegħu u kapriċċjożament jassentixxi ruħu mix-xogħol bla ma jitlob permess. Anke f'dan il-kuntest iż-żamma tal-paga hi waħda punittiva u relatata mal-*fatt li l-assenza tiegħu ma tkunx awtorizzata mis-superjuri* tiegħu. Mhijiex relatata mal-fatt biss ta' l-assenza indipendentement mill-ġustifikazzjoni għaliha. Hekk jekk *pulizija jkun marid ma jkunx mistenni li jitlob il-permess biex* jassentixxi ruħu imma jkun mistenni biss li jiġġustifika l-assenza tiegħu. L-istess japplika għall-każ fejn l-uffiċjal tal-*pulizija jkun detenut b'ordni tal-Qorti* imma ma jkunx qed jiskonta piena ta' ħabs, jew jekk ikun qed jiskonta talì piena iżda wara jiġi meħlus għal kollox minnha;

Il-Qorti tikkunsidra allura illi skond il-provvedimenti tal-*liġi speċjali li tirregola* l-Korp tal-Pulizija, it-talba attriċi tirriżulta ġustifikata in kwantu hu stabbilit li l-konvenuti naqsu li jissodisfaw l-obbligu tagħhom li jħallsu l-paga dovuta għaż-żmien in parola u konsegwentement *huma kellhom jiġu* kkundannati li jħallsu dan l-ammont mhux strettament bħala ħlas għal servizz reżi imma in linja ta' danni konsegwenzjali *għall-fatt ta' l-inadempjenza tal-konvenuti appellanti;*

Ikkunsidrat dak li ġie elaborat fil-konsiderazzjonijiet ta' indoli ġenerali fir-rigward ta' l-inapplikabilità tal-liġijiet ordinarji "għar-rapport speċjali", li s-servizz mal-Gvern joħloq, mhux konsentit għall-Qorti li teżamina jekk kinux jew le applikabbli prinċipji ġenerali ta' dritt fir-rigward tal-jedd ta' l-impjegat li jitħallas anke jekk ma jkunx ippresta s-servizz tiegħu. Jekk *jiġifieri kellux jiġi applikat* in rivers il-prinċipju *omne labor optat premium.* Kif lanqas hu konsentit li l-Qorti teżamina jekk l-assenza mill-impjieg għal kwalsiasi raġuni

kinitx taħt il-liġijiet ordinarji li jirregolaw il-kuntratt ta' xogħol, tiġġustifika kemm iż-żamma tal-paga kif ukoll it-terminazzjoni ta' l-impjieg. Dan, għaliex kif ingħad, skond l-artikolu 469A (6) huma l-provvedimenti speċjali li jirregolaw l-impjieg mal-Gvern li jinkludu dawn fuq elenkati li huma applikabbli li jirregolaw l-azzjonijiet bejn il-Gvern u l-impjegati tiegħu u xejn aktar;

Mill-banda l-oħra jidher *rilevanti* l-artikolu 24 ta' l-Avviż Legali 5 ta' l-1977 li jittratta dwar tkeċċija għal nuqqas mingħajr *leave*. Dan jistabbilixxi *iter* preċiż ta' dixxiplina fil-każ fejn uffiċjal pubbliku ikun assentixxa ruħu mingħajr *leave* li l-Kap ta' Dipartiment kien obbligat li jsegwi. Naturalment, sakemm l-assenza mix-xogħol ma tkunx ikkaġunata u ma tkunx konsegwenzjali għall-interdizzjoni meta allura japplika l-provvediment ta' l-artikolu 4;

Skond dan l-artikolu 24 kull meta Kap ta' Dipartiment ikun sodisfatt li uffiċjal pubbliku jkun assentixxa ruħu mingħajr *leave* għal perijodu ta' mhux anqas minn għaxart ijiem tax-xogħol konsekuttivi jew ikun, f'perijodu ta' sena, hekk assenta ruħu b'kollox għal mhux anqas minn għaxart ijiem tax-xogħol, il-Kap tad-Dipartiment kellu jiċċertifika dan il-fatt minn idejh u kellu jibgħat dan iċ-ċertifikat lis-Segretarju Amministrattiv, *flimkien mar-rakkomandazzjoni li l-uffiċjal jitkeċċa mis-servizz*. Is-Segretarju Amministrattiv kellu jinvestiga l-każ u kellu d-diskrezzjoni li jieħu dik *l-azzjoni li jidhirlu xierqa*, inkluż li jagħżel jekk ikomplix jew le bil-proċedura tat-tkeċċija;

Jidher allura li f'każ ta' assenza mhux awtorizzata fir-rigward ta' l-impjegati fis-servizzi ċivili in ġenerali, ma kienx possibbli li bħala miżura ta' dixxiplina tiġi mwaqqfa l-paga ta' min ikun naqas li jirrapporta għax-xogħol bla awtorizzazzjoni. Fil-każ ta' uffiċjal tal-pulizija però, l-Ordinanza tal-Pulizija, li

għax *liġi speċjali tipprevali, tagħti d-dritt li tinżamm il-paga ta'* uffiċjal tal-pulizija għal xi żmien li matulu jkun assenti mix-xogħol bla permess u dana apparti u indipendentement mill-proċedura li kellu jsegwi l-Kummissarju tal-Pulizija, bħala Kap ta' Dipartiment, biex il-każ jiġi nvestigat fuq ir-rakkomandazzjoni tiegħu li l-uffiċjal jitkeċċa mis-servizz;

Issa fil-każ taħt eżami, minn imkien mill-atti ma jirriżulta illi din il-proċedura kienet ġiet segwita mill-konvenut *Kummissarju tal-Pulizija u konsegwentement wieħed għandu* jifhem illi l-każ ta' l-appellat ma kienx minnu qed jiġi kkunsidrat bħala wieħed ta' assenza mix-xogħol bla permess. Jibqa' allura biss il-possibbilità li l-konvenut Kummissarju tal-Pulizija kkunsidra l-każ bħala wieħed ta' nterdizzjoni pendenti l-proċeduri kriminali li kienu qegħdin jittieħdu kontra l-appellat. Din il-Qorti lanqas tista' tikkunsidra, kif donnu qed jiġi suġġerit mill-appellanti, li hawn si tratta ta' proċedura ta' dixxiplina li setgħu jwasslu għat-tkeċċija tiegħu. Fil-fatt kien *hemm tentattiv biex dawn il-proċeduri jsiru, però,* mill-atti jidher li dak it-tentattiv ma ġiex segwit u ma wassal għal imkien. Fl-aħjar ipotesi għall-appellanti jista' biss jingħad illi dawn il-proċeduri ta' dixxiplina żgur ma rriżultawx fi tkeċċija jew piena oħra ta' l-uffiċjal u konsegwentement, taħt dan l-aspett, *huwa kellu d-dritt għall-ammont sħiħ ta' salarju li kien* jirċievi kieku ma ġiex interdett. Mill-banda l-oħar, kif ingħad, jekk jitqies li l-interdizzjoni kienet konnessa mal-proċeduri kriminali li ttieħdu kontra l-appellat u li minnhom ġie sussegwentement meħlus, għandu japplika, kif ġà fuq spjegat, l-artikolu 8 ta' l-Avviż Legali 5;

Din il-Qorti taċċetta s-sottomissjoni ta' l-appellat illi l-konvenuti appellanti setgħu kieku riedu jippruvaw ikeċċuh mill-impjieg tiegħu. Una volta dan m'għamluhx, u minflok ma keċċewh żammewh impjegat, huma ma setgħux ma jħallsuhx is-salarju għal żmien konsiderevoli waqt li kien qed jiġi

pproċessat. Din il-Qorti però ma tistax taqbel mas-sottomissjoni ta' l-appellat li kienu l-konvenuti appellanti li pprojbew inġustament lill-appellat li jaħdem u li wara rrifjutaw li jħallsu lill-impjegat tagħhom għal dak li ma ħadimx. Lanqas tista' taqbel mas-sottomissjoni li dan hu każ fejn l-impjegat kien jagħmel ix-xogħol imma l-*employer* inġustament fil-kors tar-relazzjoni tax-xogħol impedih milli jaħdem. Fil-verità n-nuqqas ta' l-appellanti fir-rigward ta' l-appellat mhuwiex li huma fl-eżerċizzju tad-doveri tagħhom *investigaw* allegazzjonijiet kontra tiegħu li seta' kien involut f'reat gravi u pproċedew, kif dover tagħhom, kontra tiegħu. Kienu jkunu qed jonqsu li kieku m'għamlux hekk;

Il-fatt li sussegwentement instab li l-appellat akkużat ma kienx ħati tar-reati gravi lilu addebitati ma jirrendix l-operat ta' l-appellant Kummissarju tal-Pulizija *abużiv jew illegali*. Fil-verità kien ikun qed jonqos fid-doveri tiegħu li kieku m'aġġixxix kif aġixxa. L-inadempjenza tal-konvenuti allura toħroġ min-non-osservanza tar-regolamenti li jirregolaw il-ħlas tal-paga ta' membru tal-Korp tal-Pulizija u li jimponu li f'ċirkostanzi *simili* l-paga *kienet dovuta. Mhux korrett allura li* jingħad illi t-talba għad-danni kienet naxxenti mill-att illeċitu ta' l-*employer* li nġustament interdiċa lill-uffiċjal pubbliku mill-funzjonijiet tiegħu. In-nuqqas joħroġ mill-fatt, li ġie wara ppruvat, li tali interdizzjoni ġustament applikata fl-ewwel lok, ma kinitx ġustifikata għaliex ġiet ippruvata l-innoċenza ta' *l*-akkużat. Innoċenza li jispetta biss lill-Qrati li jistabbilixxu u mhux lill-konvenut Kummissarju tal-Pulizija li l-obbligu tiegħu kien biss li jressaq quddiem il-Qrati lil min u kontra min ikollu suspett raġonevoli li kkommetta r-reat. Anke jekk il-kawżali ta' l-azzjoni tirriżulta allura xi ftit spostata il-premessa ġenerali tibqa' valida u l-azzjoni konsegwentement tista' tiġi salvata;

Fir-rigward l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni din il-Qorti tifhem illi mill-konsiderazzjonijiet li għamlet aktar 'il fuq

għandu jidher biżżejjed ċar illi kienet applikabbli għall-każ taħt eżami, il-preskrizzjoni kwinkwennali għaliex id-danni li qed jiġu rreklamati u qed jiġu akkordati huma konsegwenzjali għall-inadempjenza kontrattwali, anke jekk dan huwa kuntratt ta' natura speċjali u partikolari u mhux azzjoni iqsar kif suġġerit mill-appellanti. Anke kieku kellu jitqies li dan il-kreditu ma kienx kopert bil-preskrizzjoni għal danni li jemanu mill-inadempjenza kontrattwali, xorta waħda kienet tkun applikabbli l-preskrizzjoni kwinkwennali taħt is-subinċiż (f) ta' l-artikolu 2156 tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi għal din il-preskrizzjoni fil-każ ta' azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu li ġej minn ħwejjeġ oħra li ma jaqgħux taħt preskrizzjoni aqsar u ma jkunux jirriżultaw minn att pubbliku. F'dan ir-rigward issir referenza għal din il-ġurisprudenza fost ħafna oħrajn, Vol. XII, p. 144; Vol. XV, p. 44; Vol. XVII, pt. I, p. 151; Vol. XXI, pt. I, p. 529; Vol. XXVI, pt. I, p. 54; Vol. XXIX, pt. I, p. 1340;

Is-sentenza in parte ta' l-20 ta' Frar, 1995, li ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni għandha ukoll allura tiġi kkonfermata;

Għal dawn il-motivi, u in parte ukoll għall-motivi espressi mill-Ewwel Qorti, l-appell qed jiġi miċħud u ż-żewġ sentenzi appellati qed jiġu kkonfermati bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti *nomine*.